# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016

**Kawża Nru: 10**

**Rikors Ġuramentat Nru: 49 / 08 JA**

**A B**
**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu f'Malta fl-1 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (01/09/1995), hekk kif jirriżulta mill-estratt tal-Att taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'SC 1';

Illi mill-imsemmi żwieġ il-kontendenti kellhom tlett (3) itfal, D, E u F aħwa B li twieldu fit-tmintax ta' Settembru tas-sena

elf disa' mija u sebgħa u tmenin (18/09/1987), l-ewwel ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (01/02/1997), u fis-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (17/05/2002) rispettivament;

Illi l-intimata rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli *stante* illi l-istess intimata hija ħatja ta' eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi da parti tagħha fil-konfront tal-istess rikorrenti u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b'tort unikament tal-istess intimata;

Illi r-rikorrenti ġie debitament awtorizzat sabiex jipproċedi bl-istanti permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat _______ *(sic)*.

Tgħid għalhekk l-intimata l-għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B, u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata kif fuq spjegat, u tawtorizza lir-rikorrenti jgħix separatament minn mal-intimata;

2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri E u F aħwa B għandha tkun konġunta bejn l-istess kontendenti, u tiffissa ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mir-rikorrenti lill-intimata għan-nom tal-istess tfal minuri, filwaqt li tiddikjara li l-intimata (li taħdem bħala *dental assistant*, iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob u / jew tipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrenti;

3. Tapplika kontra l-intimata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mir-rikorrenti;

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali, u tassenja porzjon lill-rikorrenti u porzjon lill-intimata *ope sententium.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha parafernali tiegħu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dan fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġu lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimata tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lir-rikorrenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata li kienet tinkludi wkoll kontro-talba, li permezz tagħhom l-intimata eċċepiet u ppremetiet is-segwenti:

a. Illi hu minnu li l-partijiet kienu żżewġu fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (01/09/1995) kif indikat fir-rikors promotorju.

b. IIli hu minnu li mill-imsemmi żwieġ il-kontendenti għandhom tlett (3) itfal bl-ismijiet: D, E u F.

c. Illi pero' m'hu minnu xejn l-akkużi li solleva r-rikorrent bil-ġurament fil-konfront tal-esponenta biex b'hekk dan il-ġurament jista' jiġi kunsidrat bħala falz. Illi dawn l-akkużi huma xejn ħlief faċċata għall-vera veritá bl-iskop ċar biex ir-rikorrent jiġġustifika ruħu bil-ħsieb ulterjuri li għandu l-istess rikorrent. Illi għalhekk, dawn il-proċeduri fil-veritá qed iservu bħala paraventu għall-veritá tan-nuqqasijiet tiegħu bil-konsegwenza li r-rikorrent qed jagħmel minn kollox biex jitfa' l-ħtija tiegħu fuq l-esponenta meta m'għandha ebda ħtija, liema ħaġa se tiġi ppruvata fil-mori tal-każ.

d. Illi filwaqt li iktar ma jgħaddi żmien iktar qed tara li r-rikorrent żvija ruħu rreparabbilment, l-esponenta taqbel li għandu jkun hemm separazzjoni u dan minħabba ħtijiet attribwiti biss lir-rikorrent bl-ispejjeż kontrih. Illi fir-realtá, ir-rikorrent qed jagħmel minn kollox biex jeħles mill-esponenta u b'hekk mingħajr ebda sens ta' diċenza u / jew korrettezza waqa f'kull livell ta' bassezza li timmerita li tiġi kunsidrata fid-dawl tas-sitwazzjoni.

e. Illi hu biżżejjed li jiġi ndikat li apparti mill-eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi, u dan apparti mill-fatt li hu ferm pedantiku li jammonta għall-pompożitá li jbati l-istess rikorrent, hu rrenda l-ħajja miżżewġa miegħu impossibbli. Illi *di piu*, ir-rikorrent hu partikolarment ħati mhux biss ta' abbandun tad-dar matrimonjali imma partikolarment ta' ħajja adultera, liema ħaġa llum qed jagħmilha fl-apert, liema ħaġa se tiġi ppruvata faċilment fil-mori tal-każ. Illi hu għalhekk, f'dan is-sens li r-rikorrent ippreżenta b'mod ħerqan dawn il-proċeduri biex jattwa l-ħsieb tiegħu ulterjuri biex jinagħqad mal-ħabiba tiegħu, liema ntenzjoni hu ġja' ddikjara u li b'hekk, l-istess rikorrent qed iwaqqa'

kull akkuża li ssolleva fil-konfront tal-esponenta fejn l-intenzjonijiet tiegħu huma llum ċari, u b'hekk bħalma ġie ndikat qabel, dawn il-proċeduri huma ntiżi biex jgħattu t-tortljiet tal-istess rikorrent billi qed jipprova jħammeġ l-esponenta meta fir-realtá hu l-ħati!

f. Illi fir-rigward it-tieni (2) talba, din għandha tiġi għal kollox skartata. Illi filwaqt li r-rikorrent qed jagħmel minn kollox biex jenforza r-rieda tiegħu dan l-istraġi li ħoloq hu stess b'sens ta' rresponsabbiltá qed isservi ta' tbatija sija għall-esponenta kif ukoll għat-tfal tal-partijiet. Illi għalhekk, filwaqt li t-talba biex il-kura u kustodja tat-tfal tkun konġunta għandha tiġi skartata għal kollox iktar u iktar meta minn dejjem kien jidħol tard u / jew m'għandux żmien liema ħaġa, flimkien mal-ħajja xellerata tal-istess rikorrent m'humiex kompatibbli mat-talba tiegħu. Illi *di piu*, u dan apparti mill-fatt li *stante* li r-rikorrent idaħħal salarju verament favoluż, liema ħaġa hi riflessa fil-passatemp varji li għandu r-rikorrent li jivolvu l-infieq konsiderevoli, l-istess rikorrent għandu jiġi ordnat jivversa mill-inqas nofs is-salarju tiegħu favur l-esponenta kif ukoll jiġi ordnat jikkontribwixxi mill-inqas nofs l-ispejjeż involuti għat-tobbija u / jew edukazzjoni tagħhom kif ukoll fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum kif, wara kollox, hu l-obbligu tar-rikorrent u d-dritt tal-esponenta skond il-prinċipji stabbiliti fil-liġi.

g. Illi fir-rigward it-tielet (3) talba, din għandha tiġi miċħuda fil-konfront tal-esponenta, u dan minħabba t-tortijiet tar-rikorrent u kif ġie ndikat qabel.

h. Illi fir-rigward ir-raba' (4) talba, dina l-Onorabbli Qorti għandha tapplika b'ċerta kawtela *stante* li bl-ebda mod l-esponenta m'għandha ssofri minħabba t-tortijiet tar-rikorrent fejn hu qed jara kif jagħmel biex jeħles mill-esponenta bl-iskop ċar biex iċaħħadha mid-drittijiet

tagħha, bħala qed jagħmel ġja' fil-preżent u b'mod abbusiv, liema ħaġa se tiġi ppruvata fil-mori tal-każ. Illi pero' u partikolarment, dina l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba, bir-rispett mhux biss tordna l-iżgumbrament tar-rikorrent mid-dar matrimonjali, liema dar hu abbanduna unilateralment imma tassenja l-istess d-dar lill-esponenta ad esklużjoni tar-rikorrent liema sitwazzjoni ġiet perpetrata mir-rikorrent u li issa qed tippretendi li jiġi akkomodat għax għandu relazzjoni adultera ma' terzi. Illi li hu żgur hu l-fatt li *stante* li r-rikorrent stess ħoloq din l-istraġi, hu għandu jbati l-konsegwenzi ta' għemilu!

i. Illi fir-rigward il-ħames (5) talba u in vista tal-eċċezzjoni preċedenti, din għandha tiġi miċħuda *stante* li mhux biss dawn l-allegati affarijiet parafernali għandhom jiġu stabbiliti, imma ser jirriżulta li dawn huma tal-komunjoni u li sar ħafna nfieq l-assi tal-komunjoni liema ħaġa l-istess rikorrent qed jevita biex iċaħħad l-esponenta mid-drittjiet tagħha. Illi fil-fatt l-istess rikorrent, b'mod kontradittorju qed jammetti dan l-istat ta' fatt meta hu ssuġġerixxa li jiġi nominat perit tekniku, liema ħaġa tikkonferma l-pożizzjoni tal-esponenta u tirrifletti l-konsistenza tagħha f'dan ir-rigward.

j. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-1 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (01/09/1995) fejn minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom tlett(3) itfal.

2. Illi filwaqt li l-istess rikorrent hu ħati *verso* l-esponenta ta' sevizzi, eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid, inġurji

gravi, dawn huma imsaħħaħ mis-sens ta' pedantiċitá li tikxef il-pompożitá tar-rikorrent biex b'hekk il-ħajja miżżewġa miegħu ġiet reża impossibbli. Illi *di piu,* l-istess rikorrent mhux biss abbanduna d-dar matrimonjali għall-aħħar, imma hu qed jgħix ħajja adultera li jammetti hu stess u li issa saret anki fl-apert, liema ħaġa tispjega li l-istess rikorrent hu ħerqan biex imexxi dawn il-proċeduri taħt skużi varji fejn fl-istess ħin qed jimxi b'dan l-għan billi jħammeġ is-sens ta' serjetá tal-esponenta billi jipprova jitfa' l-ħtijiet tiegħu fuq l-esponenta.

3. Illi *stante* li aktar ma jgħaddi ż-żmien qed jirriżulta b'mod ċar fejn hi l-vera ħtija u l-intenzjonijiet ulterjuri tar-rikorrent qed jinkixfu, liema ħaġa qed tavvera ruħha b'nuqqas ta' ġenwinitá da parti tar-rikorrent, liema ħaġa qed toħloq għawġ inaċċettabbli, sija għall-esponenta kif ukoll għat-tfal tal-partijiet li qed jiġu strumentalizzati f'dan ir-rigward mill-attur rikorrent.

Jgħid, għalhekk, ir-rikorrent għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli għall-istess rikorrent kif fuq spjegat u li ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment u li issa, minħabba l-aġir tar-rikorrent stess m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent;

2. Tordna li l-istess esponenta jkollha l-kura u kustodja tat-tfal ad esklużjoni tar-rikorrent, u tiffissa u tordna l-ħlas tal-manteniment xieraq favur l-esponenta, liema ħaġa għandha tkun mill-inqas nofs is-salarju favoluż li għandu l-istess rikorrent, u dan skond il-prinċipji stabbilit fil-liġi tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll tordna l-istess rikorrent ikun obbligat iħallas mill-inqas nofs l-ispejjeż

neċessarji tal-edukazzjoni, saħħa u kull ħaġa oħra sakemm l-istess tfal jibdew jaħdmu;

3. Illi *stante* l-ħajja xellerata u irresponsabbli tar-rikorrent, tiffissa aċċess regolat tar-rikorrent biex ikun jista' jara lit-tfal taħt superviżjoni;

4. Tapplika kontra l-istess intimat rikorrent l-effetti *in toto* jew *in parte* l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn hu applikabbli, kif ukoll kull sanzjoni permissibbli mill-liġi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, imma partikolarment tordna li ir-rikorrent jiġi ordnat jiżgombra b'mod definittiv mid-dar matrimonjali fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, u li l-istess dar matrimonjali għandha tiġi assenjata lill-esponenta ad esklużjoni tar-rikorrent, liema umiljazzjoni m'għandhiex tiġi ordnata li tbati minħabba l-kapriċċi xellerati u adulterju tal-istess rikorrent;

6. Tordna r-restituzzjoni tal-assi parafernali lill-esponent;

7. Illi jekk ikun il-każ, tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u tiffissa jum, ħin u lok għall-istess, u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi.

8. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat rikorrent li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonat għal din il-kontro-talba li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponent rikonvenzjonat jaqbel ma' l-ewwel talba tal-intimata rikonvenzjonanta b'dana pero' illi l-Qorti għandha tippronunzja s-separazzjoni b'tortijiet imputabbli lill-istess intimata rikonvenzjonanta li kienet ħatja ta' sevizzi, eċċessi, inġurji gravi u abbandun fil-konfront tal-esponenti;

2. Illi l-esponenti rikonvenzjonat ma jaqbilx mat-tieni talba tal-intimata rikonvenzjonanta, u dan *stante* illi ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi l-għaliex il-kura u kustodja tat-tfal minuri ma għandhiex tkun konġunta bejn l-istess partijiet, u dan dejjem fl-aħjar interess tat-tfal. Illi fir-rigward tat-talba għal manteniment għat-tfal minuri, l-esponenti stess kien talab din l-Onorabbli Qorti sabiex tiffissa r-retta alimentari, u minn meta l-partijiet bdew proċeduri ta' separazzjoni, l-esponenti dejjem ikkontribwixxa għal bżonnijiet tal-istess tfal minuri. Illi l-esponenti ma jaqbilx illi għandu jiġi ordnat illi jħallas manteniment għall-intimata u dan *stante* l-fatt li apparti li l-istess intimata għandha mpjieg, it-tort tas-separazzjoni hu imputabbli unikament u esklussivament lill-intimata, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża;

3. Illi l-esponenti rikonvenzjonat ma jaqbilx mat-tielet talba tal-intimata rikonvenzjonanta u dan *stante* l-fatt illi ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi u wisq anqas bżonn li l-aċċess għat-tfal minuri jkun taħt superviżjoni. Illi kemm ilhom il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni, l-esponenti ra t-tfal tiegħu regolarment u qatt ma kien hemm l-ebda problema jew kwistjoni da parti tal-intimata u jew it-tfal f'dan ir-rigward;

4. Illi l-esponenti rikonvenzjonat ma jaqbilx mar-raba' talba tal-intimata rikonvenzjonata u dan *stante* l-fatt illi

kif ġja' ngħad u kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża, it-tort tas-separazzjoni hu imputabbli unikament lill-istess intimata rikonvenzjananta;

5. Illi l-esponenti jaqbel mat-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti iżda ma jaqbilx illi għandu jiġi ordnat jiżgombra b'mod definittiv mid-dar matrimonjali u wisq anqas ma jaqbel illi d-dar matrimonjali tiġi assenjata *in toto* lill-intimata;

6. Illi fl-eventwalita li jirriżulta li hemm assi parafernali tal-intimata, l-esponenti jaqbel illi dawn għandhom jiġu assenjati lilha;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata rikonvenzjonanta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat is-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha hija laqgħet it-talba biex it-talba għal separazzjoni tigi mibdula f'waħda għall-ħall taż-żwieġ;

Rat id-dokumenti, ix-xhieda nklużi n-noti ta` sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għad-29 ta' Jannar 2016.

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja' ngħad ir-rikorrenti qed jitlob s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata. Min-naħa tagħha, l-intimata permezz ta' kontro-talba qegħda titlob l-firda personali minħabba l-aġir tar-rikorrent. Għalkemm il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw, huma iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-

allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tlett itfal, li llum għandhom 27, 18 u 12-il sena. It-tifla li għandha 18-il sena tattendi Junior College u t-tifla l-oħra li għandha 12-il sena għadha tattendi l-iskola St Michael's Foundation f'San Ġwann.

**RESPONSABBILITA' GĦAS-SEPARAZZJONI**

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi **l-attur** fl-affidavit tiegħu jgħid hekk dwar it-tort tat-tifrik taż-żwieġ:

*"Fl-ewwel sena taż-żwieġ C saret ossessjonata bit-tindif tad-dar b'mod esaġerat. Dan kompla tul iż-żwieġ kollu u kien mezz kif C kienet tiżvoga l-frustrazzjoni tagħha. Omm C kienet tipprova tgħinha tħossha aħjar iżda jien min-naħa tiegħi kelli naċċetta l-preżenza t'ommha tista' tgħid f'kull ġurnata li domna miżżewġin, u dan għaliex kuljum C kienet tmur għand ommha jew ommha titla' d-dar tagħna. Nagħraf il-fatt li omm C riedet biss tgħin lil bintha, għax C għadha sal-lum tiddependi minn ommha għal ħafna affarijiet qisha tifla żgħira."*

Illi jgħid ukoll illi:
*"F'inqas minn sentejn żwieġ, C bdiet tiżvoga l-frustrazzjoni tagħha fi vjolenza domestika, li kompliet matul iż-żwieġ kollu u anki saħansitra wara li tlaqt mid-dar meta mmur hemm biex nara t-tfal... Saħansitra C bdiet tabbuża minni mentalment."*

Illi fl-affidavit tiegħu l-attur jagħmel ukoll referenza għal episodju fejn l-konvenuta refgħet idejha fuq l-esponenti:

*"Fl-1997 ħadt ritratti tal-grif u feriti li għamlitli C bil-ħsieb li nżommhom għal dak li jista' jinqala'. Kien hemm bosta drabi oħra fejn ma ħadtx ritratti u ħallejt l-attakki għaddejjin u l-ġrieħi jfiequ weħidhom. Dakinhar, mort anki l-poliklinika u nvistani tabib li għamilli ċertifikat ta' dak li sab fuq wiċċi u partijiet ta' ġismi."*

Illi min-naħa tagħha l-konvenuta allegat illi l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ kienet biss tal-attur u dan minħabba li kkommetta adulterju u kompla jgħix il-ħajja ta' ġuvni li kien jgħix qabel ma ltaqa' magħha. F'dan ir-rigward il-konvenuta esebiet ritratti tal-attur ma' G; kopji ta' messaġġi skambjati li juri li l-lingwaġġ li kien jintuża bejn l-attur u G kien juri li kien hemm ċerta intimitá bejniethom; u kartolina mibgħuta mill-attur lil ommu fejn hemm ukoll isem G [vide fol. 1012, 1013, 1017-1019, 1039 u 1065-1067]. Il-konvenuta għamlet referenza għax-xhieda li ngħatet f'diversi seduti fejn issemmiet G [vide verbali tas-seduti miżmuma fl-4 ta' Frar 2010, 1 ta' Marzu 2010, 25 ta' Marzu 2010, 30 ta' Settembru 2010, 4 ta' Novembru 2010 u 21 ta' Novembru 2010]. B'mod partikolari fix-xhieda mogħtija fl-1 ta' Marzu 2010 l-attur xehed kif gej:

*"Fil-Milied tal-2009 sifirt u mort Finland ma' grupp zgħir ta' nies. G kienet hemmhekk u anke t-tfal tagħha. Mort ma' tour ma' nies minn pajjiżi oħra. B'kollox konna xi 20 ruħ. It-tour kien ibbukkjat mill-internet. Minn Malta konna biss jien, G u wliedha."*

Illi saret ukoll referenza għal ċerta H fejn gie allegat mill-konvenuta li l-attur kellu referenza magħha u f'dan ir-rigward saret referenza għax-xhieda tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2010:

*"Mistoqsija: Insejt li ammettejt ma' martek li kont qed toħroġ ma' H?*

*Risposta: Li ġara kien li l-mara kkonfrontatni b'akkuża ta' relazzjoni ma' din il-mara. Jien fakkart lil mara ta' kemm-il darba qaltli biex infittex nisa oħra u li jien m'inix tajjeb għall-ebda mara. Kien hemm diskors ta' nkejja f'din id-diskussjoni li qed issir referenza għaliha, pero' jien dak li għidt lill-mara kien biex issa li tlaqt mid-dar tħallini bil-kwiet, tiftakar diskorsha u ma tindaħalx f'affarijiet spekulattivi u li fuqhom ma kellhiex informazzjoni ċara jew korretta."*

Illi dwar l-episodji ta' vjolenza msemmija mill-attur, il-kovenuta tgħid illi kien l-attur li kien jattakka lill-konvenuta u hija kienet biss tiddefendi ruħha. Ir-ritratti li ġew esebiti mill-attur jirrelataw għal episodju wieħed u fix-xhieda tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2009 l-attur jgħid hekk:

*"Qed nesebixxi sett ta' sitt ritratti mmarkati doc. SCX1 sa doc. SX6 li huma ritratti ta' feriti li jien sofrejt fis-27 ta' Lulju 1997. Ir-ritratti kollha jirreferu għall-istess inċidenti."*

Illi dwar ir-ritratti ppreżentati mill-konvenuta ta' ġrieħi l-attur xehed kif ġej fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2010:

*"Jien dawn ir-ritratti qatt ma rajthom qabel illum. Il-mara qatt ma qaltli li kellha ġrieħi f'idejha kkaġunati minni. F'kull attakk fiżiku li għamlet marti fuqi, jiena kont naqbad idejha biex inżommha milli tibqa' tigrifni. Għalhekk jista' jkun li jien xi darba griftha iżda b'difiża mhux attakk."*

Illi dwar dak li l-attur jgħid li kienet fissazzjoni żejda fuq it-tindif da parti tal-konvenuta, l-istess konvenuta tgħid illi bħala mara tad-dar hija kien tqatta' l-ħin tagħha tieħu ħsieb lill-familja tagħha. Iżda tiċħad li hija kellha xi fissazzjoni u f'kwalunkwe każ dana ma jwassalx għal xi imputazzjoni ta' ħtija jew tort f'kawża ta' separazzjoni.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha illi tenut kont ta' kollox ma għandu jkollha ebda dubju li kien it-tradiment konjugali tal-attur, li ġie pruvat sodisfaċentement mill-provi, li kien l-akbar addebitu biex tfarrak iż-żwieġ. Kif ġie ritenut fil-kawża riportata fil-**Vol. XXXVII-ii-693**, *l-adulterju dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali.*

**KURA U KUSTODJA**

Illi l-kura u kustodja tal-minorenni se tiġi assenjata lill-konvenuta mhux għaliex hemm xi raġuni li tindika li l-attur mhuwiex missier tajjeb iżda għaliex f'ċirkostanzi ta' konflitt ma jkunx prattikabbli li l-kustodja tkun konġunta; għalhekk l-minuri għandha tibqa' tgħix ma' ommha. Preżentament l-aċċess tal-attur mal-minuri hu billi l-attur imur ġewwa d-dar matrimonjali kuljum mingħajr ebda ħinijiet prefissi. Il-Qorti hi tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li tkompli tgawdi mill-aċċess kwotidjan mal-attur iżda jkun iktar għaqli li tiġi stabbilita rutina ta' ġimgħa bejn il-partijiet ta' meta għandu jsir l-aċċess. Jekk il-partijiet ma jaslux għal tali ftehim din il-Qorti tipprefiġġi illi l-attur għandu jkollu aċċess ta' mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa bejn is-sitta u t-tmienja ta' filgħaxija u tmien siegħat is-Sibt jew il-Ħadd alternattivament.

**MANTENIMENT**

Illi rat li permezz ta' digriet datat 18 ta' Novembru 2009, l-attur ġie ordnat iħallas lill-konvenuta l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) fix-xahar, rappreżentanti in kwantu għal sitt mitt Ewro (EUR 600) manteniment għat-tifla minorenni u għat-tifla maġġorenni li għadha qed tistudja u l-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) għall-konvenuta. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jwasslu għal bdil f'dan l-ammont. Jingħad ukoll illi t-tifla ta' tmintax-il sena għalkemm maġġorenni għadha l-iskola u għalhekk dan il-ħlas ikun dovut sa kemm tagħlaq 23 sena jew meta tibda taħdem

bi qliegħ, skond liema ċirkostanza minnhom tavvera ruħha l-ewwel skond id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili.

Illi dwar l-ispejjeż tal-iskola tat-tifla minorenni li preżentement jitħallsu mill-attur u kif jistqarr huwa stess jammontaw għal *circa* sitt elef Ewro (€6,000) dawn għandhom ikomplu jitħallsu mill-attur, u dana meta wieħed jikkonsidra li l-introjtu tal-konvenuta huwa żgħir.

**ASSI MATRIMONJALI**

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-elenku kontenut taħt il-kappa ta' "Kreditu Parafernali" fin-nota ta' osservazzjonijiet esebita mill-attur. Illi l-attur jsemmi tlett (3) garaxxijiet parafernali li kien sab il-bejgħ tagħhom għall-ammont ta' tnejn u tmenin elf, sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€82,692.76) li minnhom l-attur qal li ħallas is-segwenti spejjeż matrimonjali:

(i) Erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) fi spejjeż sabiex jiġi arredat appartament f'Tas-Sliema li kien jgħix fih ma' martu għal xi sena wara ż-żwieġ;

(ii) Tmintax-il elf sitt mija u erbgħa u tletin elf Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€18,634.99) spejjeż tat-tieġ u *honeymoon;*

(iii) Tnejn u għoxrin elf, mija u disgħa u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05) bħala depożitu fuq ix-xiri tad-dar matrimonjali ________________________ *(omissis);*

(iv) Sebgħa u tletin elf, mitejn u disgħa u sittin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,269.97) spejjeż li saru fid-dar matrimonjali ______________________________ *(omissis);*

(v) Self ta' sebgħa u sittin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€67,551.83) għax-xiri tad-dar matrimonjali ________________ *(omissis)*.

(vi) Ħlas ta' self ta' sittax-il elf, tlett mija u ħames Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€16,305.61) lill-ġenituri tal-attur;

(vii) Xiri ta' karozza għall-konvenuta għal tlettax-il elf, erbgħa u erbgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€13,044.49);

(viii) Ħlas ta' self ta' sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€27,952.48) lill-ġenituri tal-attur;

(ix) Self mill-bank HSBC Bank (Malta) plc ta' erbgħa u sebgħin elf, ħames mija u disgħa u tletin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€74,539.95) li qed jitħallas b'rata mensili ta' €428.60;

(x) Self ta' elf, ħames mija tnejn u sebgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,572.23) mill-bank HSBC Bank (Malta) plc sabiex jinxtara kompjuter għat-tifel;

(xi) Self ta' disgħa u ħamsin elf, tliet mija disgħa u disgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (€59,399.02) mingħand il-ġenituri tal-attur;

(xii) Bejgħ ta' karozzi għal sebat elef Ewro (€7,000) fejn ir-rikavat ġie wżat biex jitħallsu spejjeż kwotidjani;

(xiii) Self ta' sitt elef, disa' mija tmienja u tmenin Ewro (€6,998) mingħand il-ġenituri tal-attur sabiex jitħallas dejn mal-bank HSBC.

L-attur ukoll elenka s-segwenti bħala proprjeta' parafernali tiegħu:

(a) Willys MB Jeep bin-numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;

(b) Austin 10 Utility bin-numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;

(c) Motorcycle Matchless G3L mingħajr numru ta' reġistrazzjoni;

(d) AEC Matador mingħajr numru ta' reġistrazzjoni;

(e) Kollezzjoni ta' armi tan-nar (kollha reġistrati), kollezzjoni tal-militarja, kollezzjoni ta' kotba / dokumenti / ittri relatati mal-istorja ta' Malta u militarja.

Illi barra minn hekk l-attur għandu jħallas id-dejn mal-bank HSBC fl-ammont ta' ħames mija u tletin Ewro (€535) fix-xahar li jinkludi l-ħlas tal-Mortgage Protection Insurance u Savings Plan. Kif ukoll pagament ta' elfejn Ewro (€2,000) fis-sena għall-polza ta' assikurazzjoni tat-tlett itfal u tal-konvenuta tal-Middlesea Enhanced Cover.

Illi *inoltre* l-attur qiegħed jitlob li jiġu assenjati lilu affarijiet personali li għadhom ġod-dar matrimonjali konsistenti f'militaria, inklużi armi tan-nar kollha liċenzjati fuq ismu, kollezzjoni tal-kotba u ornamenti relatati mal-militaria.

Illi da parti tagħha l-konvenuta naqset li tippreżenta nota ġuramenta dwar l-assi tagħha allavolja ngħatat l-opportunita' li tagħmel dan. Iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija qajjmet diversi punti f'dan ir-rigward.

Illi dwar il-vettura tagħha hija tispjega illi qabel iż-żwieġ kellha Suzuki Alto bin-numru tar-reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*. Din inbiegħet u mir-rikavat tagħha u minn assi oħra tal-komunjoni tal-akkwisti nxtrat il-vettura li hija tuża preżentement. Il-konvenuta tirribatti l-argument tal-attur li nxtrat minnu peress din inxtrat fl-2004 meta l-partijiet kienu għadhom miżżewġin.

Illi dwar id-dejn mal-ġenituri tal-attur il-konvenuta tispjega illi fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2009 in-Nutar Gambin esebixxa vera kopja ta' kanċellament datat 27 ta' Marzu 2003 illi permezz tiegħu l-ġenituri tal-attur ikkanċellaw nota ta' ipoteka li kienet taggrava l-proprjeta' ___________ *(omissis)*. Dan l-istess fond ġie mibjugħ jum wara, u ċjoe' fit-28 ta' Marzu 2003 wara li ġiet ikkanċellata l-ipoteka. Il-konvenuta rrilevat illi jekk kien hemm dejn dovut lill-ġenituri tal-attur ċertament li dan id-dejn tħallas a bażi tan-nota ta' kanċellament kif ukoll mix-xhieda mogħtija minn I u J B li hija qed tallega li fiha dikjarazzjonijet kontradittorji. Per eżempju fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012 J B tixhed kif ġej:

*"Mistoqsija kif minkejja li ammont minnhom ġie mhallas minn A, jiena xorta niżżiltu fl-affidavit, ngħid li ma nafx."*

Illi dwar il-ħlasijiet li skont l-attur tħallsu unikament minnu l-konvenuta terġa' tirrileva fin-nota ta' sottomissjonijiet illi din l-allegazzjoni ma treġġix peress li hija duttrina li dak kollu li jsir matul iż-żwieġ tal-partijiet ikun qiegħed isir mill-konjuġi flimkien b'mod indaqs u ugwali. Il-konvenuta tirrileva illi waqt li l-attur kien il-*breadwinner* hi kienet mara tad-dar u tagħti l-kontribut tagħha b'dan il-mod.

Illi aktar rilevanti huwa l-fatt li ma nġiebet l-ebda riċevuta u / jew prova dwar xiri ta' għamara jew ħlas ta' *refurbishments;*

tal-pagamenti li saru għat-tieġ u *honeymoon;* tax-xogħlijiet li saru fil-fond _____________ *(omissis).*

Illi dwar id-depożitu li sar fuq ix-xiri tal-fond magħruf bħala __________ *(omissis)* il-konvenuta tirrileva illi din il-proprjeta' nxtrat fiż-żwieġ u għalhekk jaqa' taħt il-komunjoni tal-akkwisti. *Inoltre* l-konvenuta tirrileva illi sussegwentement il-partijiet biegħu din il-proprjeta' u xtraw oħra bir-rikavat tal-bejgħ ta' din il-proprjeta'. L-istess argument intuża dwar il-kompjuter li nxtara għat-tifel li peress illi s-self li ħadu għal dan il-għan kien fiż-żwieġ għalhekk isewgi li dan tħallas b'mod indaqs u ugwali bejn il-partijiet. Dwar l-ammont ta' Lm29,000 li jirriżulta fil-kuntratt ta' xiri li għamlu l-partijiet meta xtraw __________ *(omissis)* dan sar kollu fiż-żwieġ skont il-konvenuta.

Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali preżenti din inxtrat mir-rikavat tal-bejh tal-fond _________ *(omissis)* u s-self ikun tħallas mill-partijiet fiż-żwieġ. Fi kwalunkwe każ il-konvenuta tikkontendi illi mill-introjtu baxx tagħha ma tkunx tista' tagħmel ebda rifużjoni.

Illi fl-aħħarnett fir-rigward tal-modalita' ta' kif l-attur uża r-rikavat mill-bejgħ tat-tlett garaxxijiet il-konvenuta tirrileva illi l-attur ma ġab l-ebda prova ta' kif verament intefqu. Il-konvenuta tisħaq fuq il-fatt illi l-attur sempliċement ippreżenta l-kuntratt ta' bjegħ tal-garaxxijiet u għażel li jgħid li r-rikavat intefaq fiż-żwieġ mingħajr ma esebixxa riċevuti in sostenn ta' dan.

**BENI IMMOBBLI**

Illi l-partijiet waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2013 qablu li l-valur tad-dar matrimonjali, u ċjoe' ta' _________________________ *(omissis)* huwa ta' €425,000.

Illi l-attur qiegħed jippretendi illi mir-rikavat tal-bejgħ ta' dan l-immobbli, u speċifikament minn sehem il-konvenuta għandu jitħallas:

(i) nofs il-pagamenti tal-*home loan* li saru mis-sena 2008 sallum fl-ammont ta' €535 fix-xahar;

(ii) nofs sehem id-dejn dovut lill-ġenituri tal-attur ekwivalenti għal €43,675.50;

(iii) l-ammont ta' €82,692.76 rappreżentanti bejgħ ta' tlett garaxxijiet.

Illi da parti tagħha l-konvenuta tikkontendi li peress illi l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet hija tal-attur, hija għandha tingħata sehmu mid-dar matrimonjali, u dan ukoll skont l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant il-konvenuta talbet li d-dar matrimonjali tiġi assenjata lilha u lil uliedha bl-esklużjoni tal-attur, u / jew li l-Qorti tippermetti lill-konvenuta u lil uliedha jirrisjedu ġewwa d-dar matrimonjali bl-esklużjoni tal-attur sa żmien prefiss mill-Qorti. Talbet ukoll illi f'każ li l-Qorti taddotta t-tieni suġġerimenti li jiġi ordnat li spejjeż ta' natura straordinarja jibqgħu jitħallsu mill-attur *in toto* kif ukoll l-attur għandu jibqa' jħallas is-self b'rati mensili fuq l-istess proprjeta'.

**KONTIJIET BANKARJI**

Kontijiet mal-bank HSBC (Malta) plc:

1. Mr A B: account number ___-______-___ *(omissis)*;

2. Mr A B: account number ___-______-___ *(omissis)* EUR Savings;

3. Mr A B: Mastercard Account;

4. Mr A B: VISA Classic Account Statement;

5. Mr A B: Visa Gold Account Statement;

6. Mr A B: Premier Credit Card Account;

7. Ms C B: account number ___-______-___ *(omissis)*;

8. Mr S & Mrs R B: account number ___-______-___ *(omissis)*;

9. Mr S & Mrs R B: account number ___-______-___ *(omissis)*;

10. Mr S & Mrs R B: account number ___-______-___ *(omissis)*;

11. Ms C B: account number ___-______-___ *(omissis)*.

Illi jidher li hemm kont ieħor f'isem A B mal-bank BANIF.

**KREDITI**

Illi l-attur kif issemma qed jirreklama ħafna krediti li skond hu għandu jippreleva meta jsir il-bejgħ tad-dar matrimonjali. Madankollu eżami anke superfiċjali tat-talbiet tiegħu kif ġja' spjegati jindika li l-ħlasijiet li saru fil-fatt saru matul iż-żwieġ u allura l-flus ħarġu mill-komunjoni. Ma jistax per eżempju jitlob nofs l-ammont li ħareġ biex ħallas id-dejn mal-bank meta fl-istess nifs jitlob il-bejgħ ta' dik il-proprjeta' li tagħha l-partijiet għandhom nofs kull wieħed. Jidher ċar minn dawn it-talbiet li l-attur iqis kollox tiegħu anke dak li sar matul iż-żwieġ. L-attur għandu jdaħħal f'moħħu illi dak kollu li qala' matul iż-żwieġ jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti u li jekk huwa kien qed jaqla' (kif jidher kjarament) ħafna aktar minn martu, irid ukoll jiftakar li filwaqt li huwa kien qed jaqla' flus tajba għall-familja u żammha tajjeb, il-konvenuta kienet qed

tieħu ħsieb uliedu u daru, u dan huwa r-raġun tal-komunjoni tal-akkwisti. Anke l-pagamenti li saru lill-ġenituri tiegħu saru matul iż-żwieġ u allura tħallsu minn flus tal-komunjoni. Il-Qorti mbagħad tara assurda t-talba tiegħu li jitħallas lura għall-ispejjeż tat-tieġ u qamar il-għasel – xi ħaġa li din il-Qorti kif preseduta qatt ma rriskontrat f'kawża ta' separazzjoni quddiemha. Il-Qorti taqbel miegħu li jiġi assenjat is-somma ta' €7,000 għall-vetturi proprjeta' parafernali tiegħu li biegħ fiż-żwieġ u nefaq għall-bżonnijiet normali u li jiġi assenjat l-oġġetti mobbli indikati a fol 1795 li huwa ddikjara bħala parafernali (imsemmija aktar qabel) u ma ġiex kontradett.

Illi fejn il-konvenuta ma għandhiex raġun huwa li tiġi assenjata in propjeta' parti mid-dar għaliex l-attur kien il-ħtija għall-firda – dan l-argument mhuwiex legalment sostenibbli. Madankollu peress li għandha t-tfal jgħixu magħha, xieraq li l-Qorti tassenjalha d-dritt li tabita fid-dar matrimonjali għal perjodu ta' sentejn, meta imbagħad id-dar tinbiegħ. L-attur għandu jibqa' jħallas il-*loan*, iżda jirkupra mir-rikavat nofs dan l-ammont **imħallas millum sa dakinhar**.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talbiet tal-attur:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lill-attur innifsu;**

2. **Tiċħad it-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun affidata lill-konvenuta iżda l-attur ikollu aċċess nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn is-6:00pm u t-8:00pm, (jew erba' siegħat fost il-ġimgħa li jiftehmu fuqhom il-partijiet), u nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd (alternattivament) bejn l-10:00am u s-6:00pm;**

**l-attur għandu jibqa' jħallas manteniment kif ġja' msemmi f'din is-sentenza;**

3. **Tiċħad it-tielet talba;**

4. **Ixxolji b'effett immedjat il-komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-proprjeta' fuq imsemmija fi żmien sentejn millum tinbiegħ a bażi tal-prezz maqbul ta' €425,000, u dan għaliex il-Qorti qed tassenja lill-konvenuta d-dritt li tabita fl-istess proprjeta' flimkien ma' wliedha għal dak il-perjodu. L-attur jippreleva s-somma ta' €7,000 mill-prezz rikavat, u nofs is-somma li jkun ħareġ għall-ħlas lura lill-Bank millum sa dakinhar tal-bejgħ. Tordna li l-kontijiet bankarji msemmija u oħrajn li jista' jkun hemm jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti;**

4. **Tassenja lill-attur l-oġġetti segwenti u tordna lill-konvenuta tirritornahomlu lill-attur jekk għadhom fil-pussess tagħha:**

   (f) **Willys MB Jeep bin-numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;**

   (g) **Austin 10 Utility bin-numru ta' reġistrazzjoni ___-___ *(omissis)*;**

   (h) **Motorcycle Matchless G3L mingħajr numru ta' reġistrazzjoni;**

   (i) **AEC Matador mingħajr numru ta' reġistrazzjoni;**

   (j) **Kollezzjoni ta' armi tan-nar (kollha reġistrati), kollezzjoni tal-militarja, kollezzjoni ta' kotba /**

**dokumenti / ittri relatati mal-istorja ta' Malta u militarja.**

**Illi kwantu għall-kontro-talba tal-konvenuta, il-Qorti tilqa' t-talbiet sakemm kompatibbli ma' dak deċiż fit-talbiet tal-attur, b'dan ukoll li tordna l-ħlas ta' manteniment ta' €600 fix-xahar għall-ulied (€300 għal kull wild), u €400 fix-xahar għall-konvenuta *rebus sic standibus* – il-ħlas għall-minuri jibqa' għaddej sakemm dawn jagħlqu 23 sena jekk jibqgħu jattendu l-iskola jew istituzzjonijiet simili, jew sakemm dawn jilħqu l-maġġor eta', skond liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħa l-ewwel. Tilqa' wkoll il-ħames talba fil-kontro-talba tal-konvenuta.[i]**

**L-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-kontro-talba jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**

[i] U b'digriet tas-26 ta' Frar 2016 il-Qorti laqghet it-talba kontenuta fir-rikors tal-attur tal-4 ta' Frar 2016 billi ppreċiżat illi b'referenza għall-ħames talba tal-kontro-talba b'din is-sentenza ntlaqgħet biss dik il-parti tat-talba rigwardanti x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li b'referenza għad-dar matrimonjali, din għandha tinbiegħ fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza u r-rikavat għandu jinqasam skond il-modalitá kif ordnat fis-sentenza.